# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.3

**Kap 5: Il-ħbieb tagħna!**

**Lezzjoni 5.3: Kemm hi sabiħa l-gratitudni.**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jitgħallmu kif għandna nġibu ruħna man-nies ta' madwarna.
2. Jifhmu xi tfisser rikonoxxenza.
3. Jisimgħu l-istorja tal-għaxar Lebbrużi
   (Lq. 17,11-19).



**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- One said thank you
  http://www.youtube.com/watch?v=roz7IwHuupQ
- Ten lepers song
  http://www.youtube.com/watch?v=pC129pDaIUI
- Karta ta' taħriġ 5.3.



**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Fakkar lill-istudenti kif Ġesù kien ifittex l-aktar lil dawk in-nies li kienu batuti u mwarrba mis-soċjetà.



- Staqsi jekk jafux b'xi nies minn ta' żmienna li taħseb li huma mwarrba mis-soċjetà?

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

1. Uri l-filmat 'Jesus cleansing the lepers' u/jew aqra s-silta ta' Ġesù jfejjaq għaxar imġiddma - Luqa17,11-19:

'Ġara li huwa u sejjer lejn Ġerusalemm, Ġesù għadda minn bejn is-Sammarija u l-Galilija. Kif kien dieħel f'raħal, iltaqgħu miegħu għaxart irġiel imġiddma. Waqfu 'l bogħod minnu, għollew leħinhom u qalulu: Ġesù, Mgħallem, ikollok ħniena minna!' Kif rahom, qalilhom: 'Morru uru rwieħkom lill-qassisin.' U ġara li, huma u sejrin, indafu mill-ġdiem. Wieħed minnhom, kif ra ruħu mfejjaq, reġa' lura jgħajjat u jfaħħar lil Alla, inxteħet wiċċu fl-art f'riġlejn Ġesù u raddlu ħajr. Issa dan kien Samaritan. U Ġesù qabad u qal: 'Mhux l-għaxra tnaddfu mill-ġdiem? Fejn huma d-disgħa l-oħra? Ma kien hemm ħadd minnhom li reġa' lura biex jagħti glorja lil Alla ħlief dan il-barrani!' Imbagħad qal: 'Qum, mur, il-fidi tiegħek salvatek.'

Ġesù għamel miraklu ma' dan ir-raġel li kien marid b'marda tant kerha. Dan ir-raġel tant kien ferħan bil-fejqan tiegħu li reġa' mar għand Ġesù biex jirringrazzjah. Ġesù ddispjaċih li l-oħrajn ma reġgħux lura. Kemm hu importanti li aħna nuru gratitudni u nitgħallmu ngħidu 'grazzi' bħalma għamel dan is-Samaritan, kemm ma' sħabna kif ukoll ma' Alla.

- Stieden lill-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.3 u wara li taqra u tispjega s-silta mogħtija u stidinhom biex fi gruppi jaħdmu Attività A U B. Ir-risposti huma: xi nies jistgħu jkunu: ġenituri/għalliema/katekisti....

  It-tweġibiet ta' Attività B a) falz/ b) veru c) veru d) falz e) veru.

- Aqra Attività C u oħloq diskussjoni. Spiċċa billi tfakkar bl-importanza ta' din il-kelma.
- Agħlaq il-lezzjoni billi ssemma l-kanzunetta : The ten lepers.



**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Nifhmu li Ġesù jħobb anke lil dawk in-nies li s-soċjetà twarrab.
2. Naraw il-fidi kbira tal-lebbruż li mar għand Ġesù sabiex ifejqu avolja kien Samaritan.
3. Ġesù apprezza ħafna li dak il-wieħed qallu 'grazzi', iżda lil Ġesù jiddispjaċih jekk aħna ma nurux apprezzament ta' kulma jagħmel magħna.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- Nagħżel li bħal Ġesu' għandi nħobb u ngħin lil dawk li jidhru differenti minni u għalhekk is-soċjetà twarrabhom.
  - Għandi napprezza u nuri gratitudni billi ngħid 'grazzi' lil kull min jagħtina l-għajnuna.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

'Ten lepers' song



http://www.youtube.com/watch?v=pC129pDaIUI

One said thank you

http://www.youtube.com/watch?v=roz7IwHuupQ

## Nitolbu



O ħanin Alla, agħmel li meta xi ħadd jgħinni,

jien ma nkunx supperv biex naċċetta l-għajnuna,

u nkun kapaċi li ngħid 'grazzi'.